## WERREJ

INTRODUZZJONI

IL-FIGURI JITKELLMU WEHIDHOM

L-IMMIGRAZZJONI FL-EWROPA

HADDIEMA IMMIGRANTI REGOLARI

HADDIEMA IMMIGRANTI IRREGOLARI

DIFFIKULTAJIET

IL-POZIZZJONI TA' L-*EUROPEAN TRADE UNION CONFEDERATION* & RAKKOMANDAZZJONIJIET *INLINE* MAL-*PAN-EUROPEAN TRADE UNION COUNCIL*

X'TISTA' TAGHMEL IL-GWU

KONKLUZJONI

## INTRODUZZJONI

Wiehed mill-principji fundamentali tal-GWU huwa propju l-holqien u l-manteniment ta' socjeta` gusta. Ghall-GWU kull bniedem huwa importanti fis-socjeta` u zgur li bhala *trade union* ma naqblux li min hu b'sahhtu jirnexxi u jimxi 'l quddiem u min ghandu bzonn l-ghajnuna jigi izolat u emarginat. Il-GWU tinsisti li kull bniedem ghandu d-dinjita` tieghu u allura kull bniedem, hu min hu, ghandu jkollu c-cans u l-opportunitajiet li jghix hajja dicenti u javvanza fil-hajja tieghu. Fil-fatt, certament, li l-istorja tal-GWU tirrifletti l-umanita` li din l-organizazzjoni nazzjonali rnexxilha tibni fis-sisien ta' pajjizna.

L-ghan principali ta' dan ir-rapport huwa li b'mod tangibli nesploraw l-isfidi li jezistu f'socjeta` diversifikata bhal tal-lum. L-ghan ahhari huwa li naccenaw li meta nigu ghad-dinja tax-xoghol, il-haddiema kollha huma min huma, kemm dawk lokali, dawk refugjati u dawk immigranti jgawdu r-rispett mixtieq. Ghal daqs tant, fis-socjeta` taghna l-haddiema kollha ghandhom jahdmu f'impjiegi dicenti, igawdu minn kundizzjonijiet ugwali skond il-Ligijiet tax-Xoghol u minn ambjent tax-xoghol li jkun konformi mas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Fl-istess hin dan ir-rapport jindika li fir-realta` is-sitwazzjoni tal-haddiema immigranti specjalment dawk irregolari saret *issue* nazzjonali f'pajjizna u li tehtieg attenzjoni immedjata. Fil-fatt lejn l-ahhar ta' dan ir-rapport qed ikunu elenkati numru ta' azzjonijiet li l-GWU temmen li jistghu jittiehdu sabiex din is-sitwazzjoni tigi indirizzata bl-importanza u l-urgenza li jixirqilha.

Hija realta` li meta nitkellmu dwar haddiema immigranti regolari jew irreglari aktar jissemmew  l-aspetti negattivi li dawn qed ihallu jew hallew fuq pajjizna u l-poplu tieghu. Ghalhekk ikun tajjeb li nibdew inharsu ukoll lejn l-aspetti pozittivi ta' dawn in-nies. Aspetti li jistghu jkunu ta' gwadan ghall-pajjizna kif qalet tant tajjeb Dr Frances Camilleri Cassar fis-sena 2006. Dr Camilleri Cassar kienet kitbet hekk f'gurnal lokali:

> *The number of foreign migrants and their proportion to the total Maltese population has risen over the past decade, with worrying consequences. However, a number of OECD countries have recognized that migrants could make a significant contribution to individual countries' economies if they bring skills with them that are short supply. Are we ready to give this idea a thought for the sake of Malta's sustainable development, economic growth and social cohesion.*

L-irwol tal-GWU bhala wahda mill-imsiehba socjali ewlenin f'pajjizna wassal sabiex ilha ghal dawn l-ahhar sebgha (7) snin tippartecipa b'mod shih permezz ta' rapprezentanza fl-*Advisory Committee – Free Movement of Workers of the European Union Social Partners Committee*. Barra minhekk bhala membru fil-*European Trade Union Confederation* tippartecipa ukoll fil-*Migration and Inclusion Working Group*.

**IL-FIGURI JITKELLMU WEHIDHOM**

Huwa stmat li madwar hmistax (15) –il miljun persuna jappartjenu ghal gruppi etnici minoritarji fl-Unjoni Ewropeja. Din il-figura tinkludi fiha

persuni refugjati u *asylum seekers* li waslu fl-Unjoni Ewropeja wara li din giet stabbilita`. Fuq skala internazzjonali l-estimi huwa li wiehed (1) minn kull hamsin (50) persuna, jigifieri, iktar minn mija u hamsin (150) miljun persuna, jghixu f'pajjizi li m'humiex il-pajjizi fejn ikunu twieldu. L-*International Organization for Migrants* tistma li n-numru totali ta' immigranti fuq skala globali fis-sena elfejn u hamsin (2050) ser ikunu ilahhaq il-mitejn u hamsin (250) miljun.

Figuri ohra sinifikanti jindikaw li fl-Unjoni Ewropeja hawn madwar erbgha (4) miljun impjieg vakant, fil-waqt li r-rata tal-qghad hija ta' madwar sebgha punt disgha fil-mija (7.9%), li minnhom sbatax punt tlieta fil-mija (17.3%) huma persuni zghazagh. Fl-istess waqt, tnejn fil-mija (2%) tac-cittadini elegibli li jahdmu fl-*EU 27* jghixu u jahdmu fi stat iehor membru ta' l-Unjoni Ewropeja. Fis-sena 2005, l-*EU 15* kellha sitt mija u ghaxart elef (610,000) haddiem mobbli.

Huma varji r-ragunijiet ghaliex persuni u allura haddiema jkunu kostretti jitilqu mill-pajjiz fejn ikunu twieldu, fost dawn hemm gwerer, glied intern fil-pajjiz, dizastri naturali, faqar, u sitwazzjoni ekonomika hazina. Fil-fatt meta haddiem jitlaq minn pajjizu, dan jaghmel l-almu tieghu sabiex imur f'pajjiz fejn il-prosperita` politika u ekonomika tkun ferm ahjar minn dik li kien jghix fiha hu u allura dik li jkun esperjenza ghas-spejjez tieghu stess. F'dan il-kuntest ta' min isemmi ukoll li fir-realta` generalment l-ewwel nies li jitilqu mill-pajjiz minhabba r-ragunijiet imsemmija qabel huma dawk li ghandhom livell gholi ta' edukazzjoni, hiliet tajbin u kuragg. Ghalhekk il-pajjiz

inkwistjoni ikompli jintlaqat hazin minhabba li jesperjenza ukoll il-fenomenu tal-*braindrain*.

Fattur iehor importanti li kkontribwixxa bis-shih ghan-nuqqas ta' zvilupp ekonomiku f'dawn il-pajjizi, minn fejn jigu bosta immigranti irregolari, huwa l-fatt li ghal madwar hames mitt (500) sena dawn il-pajjizi kienu suggetti ghal skjavitu u ghall-kolonjalizmu minn pajjizi Ewropej. Principalment mill-Ingilterra, minn Spanja, minn Franza, mill-Portugal u mill-Olanda. Dawn il-pajjizi elenkati zviluppaw ghas-spejjez tal-kolonji li hakmu ghal snin shah. Izda llum ir-realta` hija li l-*burden sharing* mhux jinqasam b'mod ekwu bejn il-pajjizi, li jispiccaw destinazzjoni tal-persuni immigranti, skond kemm jifilhu. Il-verita` hi li hawn pajjizi fl-Ewropa li jifilhu jilqghu u joffru residenza-ghejxien lill-persuni immigranti iktar minn ohrajn izda sa issa ma jezisti xejn li jiddefinixxi kif jinqasam il-piz u minn min.

Hija realta` ukoll li haddiema immigranti huwa ferm aktar vulnerabbli ghar-razzizmu u forom ohra ta' diskriminazzjoni, u dan ghal diversi ragunijiet. Fost dawn ir-ragunijiet ta' min isemmi:

- Nuqqas ta' *policies*, linji gwida u sahansitra legislazzjoni dwar persuni immigranti fis-socjeta`.
- Limitazzjonijiet min-naha tal-gvernijiet fejn jidhlu obbligi.
- Il-fatt li awtomatikament persuni immigranti, specjalment dawk irregolari, huma mistennija li jghixu fuq l-ekonomija s-sewda.
- L-iskuza li haddiema immigranti jikkawzaw il-qghad fil-pajjiz.

## L-IMMIGRAZZJONI FL-EWROPA

Wara l-waqgha tal-Kommunizmu fil-bidu ta' snin disghin (90) fl-Ewropa, tista' tghid li l-pajjizi kollha fi hdan dan il-kontinent esperjenzaw tibdil dinamiku qawwi ta' bidliet fl-ekonomiji, fis-sistemi politici, socjali u kulturali. Il-mobilita` tal-valuri, ta' l-attitudnijiet, tal-fehmiet, tan-nies, tal-kapital u tal-prodotti huma probabli l-fatturi li qed jikkarraterizzw il-liberta` pluralista fil-prezent. Barra minhekk il-mobilita` qed tohloq ukoll opportunitajiet godda ghall-gruppi u individwi li jridu jbidlu l-andament tal-futur taghhom, u fl-istess waqt li jikkontribwixxu ghat-tifsir ahjar ta' xi jfisser li jkollok persuni diversi jghixu flimkien f'pajjizi Ewropej f'ambjent toleranti. L-Ewropa laghbet sehem importanti f'dan il-process ta' bidla. Dan jista` jixhdu l-fatt li hafna huma l-pajjizi f'dan il-kontinent li nghaqdu flimkien f'dik li llum hi l-Unjoni Ewropeja, u sahansittra matul iz-zminijiet l-Unjoni Ewropeja nnfisha accettat li twessa' l-konfini taghha lejn in-naha tal-lvant ta' dan il-kontinent.

Izda certament, li dawn il-bidliet gabu maghhom effetti kemm ghac-cittadini nfushom kif ukoll ghas-socjetajiet fuq skala akbar. Fost id-diversi effetti, ta' min jghid li dawk l-effetti li jitqiesu bhala effetti negattivi huma l-aktar li jinstemghu. Ezempji ta' dawn l-effetti nistghu nsemmu rilokazzjonijiet ta' kumpaniji, migrazzjoni ta' impjiegi ghall-postijiet iktar irhas, *dumping* socjali, eskluzzjoni socjali u diskriminazzjoni, tenzjoni kulturali u imminar ta' sistemi demokratici fost ohrajn.

## HADDIEMA IMMIGRANTI REGOLARI

Il-fatt li Malta ilha parti mill-Unjoni Ewropeja sa mis-sena 2004 u issa anki dhalna fiz-zona *Schengen,* li tfisser it-tnehhija tal-kontrolli kollha biex issir

mobilita` bejn pajjiz u iehor fiz-zona *Schengen* fl-Unjoni Ewropeja, ifisser li l-mobilita` ta' haddiema, l-aktar dawk gejjin mill-Lvant tal-kontinent, qed tizdied. Haddiema gejjien mir-Rumanija, il-Polonja u l-Bulgarija u ohrajn illum liberament jistghu jigu jahdmu f'pajjizna. Hija realta` li l-haddiema li gejjin minn dawn il-pajjizi minhabba l-attrazzjoni fizika u kosmetika taghhom kif ukoll il-fatt li lesti jahdmu b'inqas mill-paga minima, dawn facilment qed isibu impjiegi fis-settur turistiku u tad-divertiment f'pajjizna. Fil-fatt illum drajna naraw minn dawn il-haddiema barranin jahdmu bhala *barmen/maids*, *waiter/waitresses, receptionists* jew *show girls* f'pajjizna. Tant hu hekk li llum kwazi qed inkunu kostretti nitkellmu bl-Ingliz meta nigu fil-konfront ta' xi wiehed/wahda minn dawn imsemmija hawn fuq ghaliex tassumi li dan/din mhumiex Maltin. Din hija realta` li imissu b'idejna u li hija evidenti bil-bosta f'postijiet lokali turistici bhala *Paceville* u Bugibba[1].

Hemm setturi ohra fejn dawn il-haddiema regolari barranin qed jigu mhaddma. Ezempji evidenti huwa dak li qed jigri fil-prezent fil-*Malta Shipyards Ltd*. fejn numru ta' haddiema Bulgari qed jingiebu jahdmu f'pajjizna fuq bazi temporanja, u dawk il-haddiema barranin li qed jigu mpjegati fi stabbilimenti fis-settur tar-*retail*.

## HADDIEMA IMMIGRANTI IRREGOLARI

L-effetti tal-haddiema immigranti regolari diga` jinhass fis-suq tax-xoghol taghna u minhabba r-regoli ta' l-Unjoni Ewropeja ftit huma l-azzjonijiet li nistghu niehdu bhala pajjiz jekk inkunu rridu nnaqsu minn dan l-influs. Min-

[1] *Dan ir-rapport ma jidholx fil-mertu ta' kemm hu ta' gid dan l-influs ta' haddiema barranini f'dan is-settur.*

naha l-ohra, fejn jidhlu haddiema immigranti irregolari din saret pjaga nazzjonali ghal pajjizna.

Wiehed irid jitlaq mill-fatt li Malta ghandha pozizzjoni geografika partikolari, jigifieri, gzira zghira fil-Mediterran. Tista' tghid li Malta hi l-ewwel art li wiehed isib fuq ir-rotta bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Ewropa. Dan il-fatt awtomatikament ipoggi lil Malta f'pozizzjoni vulnerabbli. Fil-fatt, specjament matul ix-xhur tas-sajf, l-ahbarijiet lokali ma jieqfux jaggornawna bi zbarki ta' persuni. Fil-maggoranza taghhom dawn l-immigranti irregolari jkunu telqu mix-xatt ta' l-Afrika ta' Fuq bl-iskop ikun li jaslu fl-Ewropa, aktarx li d-destinazzjoni ahharija taghhom ikunu jixtiequha li tkun l-Italja. Izda minhabba bosta ragunijiet bhal temp hazin, nuqqas ta' *fuel* u/jew ilma, jew intenzjonalment minn min iwassalhom, dawn jispiccaw b'mod irregolari f'pajjizna. Illum l-ammont ta' immigranti irregolari f'pajjizna jitla' ghal eluf ta' persuni. Fil-fatt jidher li n-numru ta' immigranti irregolari li jaslu f'pajjizna meta mqabbel ma' l-ammont ta' immigranti li jaslu f'pajjizi ohra huwa proporzjanalment akbar meta mqabbel mac-cokon ta' pajjizna.

Ir-realta` hi li hafna drabi dawn il-persuni, li fil-maggoranza taghhom ikollhom il-kulur tal-gilda skura, jispiccaw jigu mqabbda jaghmlu xoghol prekarju, perikoluz u fil-bicca l-kbira bi hlas li jkun relitivament baxx hafna u zgur li l-anqas ikun daqs il-paga minima nazzjonali. Hija tal-misthija kif huma diversi l-okkazzjonijiet meta dawn il-haddiema gew u ghadhom jigu imhaddma b'dal-mod indicenti fuq xoghol iffinanzjat mill-Gvern Malti nnifsu. Hija verita` li fil-bicca l-kbira haddiema irregolari li jsibu mpjieg, hu x'inhu, ma jkunux lesti li jirraportaw abbuzi minhabba l-bizgha li jkollhom ghax dan

jaf ifisser li jispiccaw bla mpjieg u aghar minhekk jista' jaghti l-kaz li jergghu jigu ddeportati lura lejn pajjizhom. Hu evidenti l-fatt li l-awtoritajiet jafu b'dawn l-abbuzi. Ghalhekk min hu fl-awtorita` u ser jibqa' jippermetti li tibqa' issehh din l-esplojtazzjoni jkun qed jaghti wiehed x' jifhem li mhux veru li l-Gvern ghandu l-hegga li  jindirizza dan il-faqar.

F' dan il-punt ma ghandniex ghalfejn naccennaw ghal fatt li dawn il-haddiema lesti jaccettaw li jahdmu b'dawn u f'dawn il-kundizzjonijiet mizeri ghaliex ghalihom il-ftit ahjar mix-xejn. Izda b'din l-attitundi, min ihaddimhom jaf li qed jikisser kundizzjonijiet u prattici tajbin li gew akkwistati u stabbiliti matul is-snin b'hidma kkordinata bejn l-imsiehba socjali, primarjament mill-GWU.

**DIFFIKULTAJIET**

Hemm differenzi sostanzjali bejn il-poplu Malti u dawn il-haddiema barranin, regolari u irregolari, kemm fil-kultura, fit-tradizzjonijiet, fir-religjon u anki fil-lingwa li hija ghodda tant importanti ghall-kommunikazzjoni. Anki n-nazzjonalitajiet ta' minn fejn jigu dawn il-haddiema immigranti huma differenti, u dawk li jkunu gejjin mill-istess pajjiz mhux bil-fors li jkunu jappartjenu ghall-istess tribu, grupp etniku, twemmin religjuz jew parti tal-pajjiz, xi haga li taghmel differenza wiesgha f'pajjizi geografikament kbar. Ghaldaqstant, il-limitazzjoni fil-kommunikazzjoni hija diffikulta` sostanjali.

Barra min hekk, ta' min isemmi l-fatt ukoll li bosta drabi l-awtoritajiet u l-Gvern Malti ma jkollhomx kuntatti diretti ma' diplomatici jew awtoritajiet

ohra mill-pajjizi minn fejn ikunu gejjin dawn il-persuni immigranti, hlief ghal xi kuntatt hafif li jkun forsi sar minn xi konsulat.

Ta' min isemmi ukoll li diffikulta` ohra hi, li dawn il-persuni tant ikunu ghaddew minn sagrificcji, tbatija u hruxija li ftit ikun baqghalhom fiducja f'persuni umani, anki f'nies li jkunu gejjin minn organizazzjonijiet non-governattivi (NGOs) li jkunu lesti li jghinuhom.

Diffikulta` ohra li ghandna f'pajjizna hija kkawzata minn dawk il-persuni barranin li jkunu kisbu permess biex joqghodu u jahdmu temporanjament f'pajjizna izda meta jkun skadilhom iz-zmien biex imorru lura jibqghu b'mod irregolari fil-gzejjer taghna. Dawn il-fatturi jkomplu jikkumplikaw aktar l-affarijiet ghall-pajjizna.

Generalment il-poplu Malti minhabba l-bazi religjuza tieghu huwa pjuttost generuz izda jidher li fil-kaz ta' dawn l-immigranti l-Maltin qed jikkonsidrawhom bhala theddida, aktar minn kull haga ohra. Sa issa jidher li ghadu ma nstabx il-bilanc mixtieq bejnhom u l-pubbliku ingenerali. Din hija diffikulta` li trid tigi meghluba mill-aktar fis possibli, izda din mhix facli.

Il-fatt li dawn il-persuni jaccettaw li jahdmu taht kull kundizzjoni ftit hemm tama li min qed ihaddihom jieqaf milli jaghmel hekk. Anzi dan aktarx ma jghinx biex dawn jinghataw id-dinjita` li tixirqilhom bhall-haddiema l-ohra. Fl-istess hin il-haddiema l-ohra li jahdmu maghhom ma johorgux informazzjoni ghaliex jibzghu li huma stess jispiccaw imkeccija mix-xoghol. Barra min hekk, il-GWU bhalha *trade union* taf b' *employers* li taht l-iskuza tal-

karita` ihaddmu lil dawn il-haddiema, immigranti irregolari, fl-istess xoghol li jaghmlu l-haddiema lokali izda ihallsuhom ferm u ferm inqas biex ma nsemmux kundizzjonijiet ohrajn. Din hija xi haga li perezempju entitajiet lokali fi hdan il-Knisja jafu biha, izda jidher li ftit li xejn isir biex dan l-abbuz jigi indirizzat. Din is-sitwazzjoni ghandha diversi konsegwenzi fosthom li dawn il-haddiema qed jigu sfrutatti u allura dan huwa forma ta' *cheap labour.* Konsegwenza ohra hija li dawn il-haddiema meta jigu offruti kundizzjonijiet aghar minn dawk stabbiliti bil-ligi u jaccettawhom huma jkunu qed jaghmlu dan ghad-detriment tal-kundizzjonijiet li ghandhom il-haddiema lokali u li ta' l-ahhar ikunu kisbuhom b'diversi sagrifficji u bis-sahha tan-negozjar kollettiv matul is-snin.

Bhal ma diga` issemma f'dan ir-rapport, ostakolu iehor huwa li sabiex dawn il-haddiema immigranti regolari u irregolari jimxu 'l quddiem, huma stess joqghodu ghal kollox. Dan ghaliex ghalihom bil-hazin kollu ga jhossuhom ahjar jghixu f'Malta milli f'pajjizhom, u allura jippreferu joqghodu kwieti u jaccettaw kollox. Fil-fatt, il-ftit drabi li dawn il-persuni jitkellmu dwar l-isfruttar li jkunu qed jesperjenzaw f'pajjizna jkunu jridu jwasslu dan il-messagg b'mod anonimu.

Ta' min isemmi ukoll il-fatt li l-probabilita` hija li t-tieni generazzjoni ta' dawn il-persuni immigranti se jkunu aktar difficli li jghixu fis-socjeta` taghna jekk minn issa ma nibdewx nahdmu fuq pjan ta' integrazzjoni.

## IL-POZIZZJONI TA' L-*EUROPEAN TRADE UNION CONFEDERATION* & RAKKOMANDAZZJONIJIET *INLINE* MAL-*PAN-EUROPEAN TRADE UNION COUNCIL*

Il-GWU hija membru attiv fl-*European Trade Union Confederation* (ETUC) u ghal daqs tant, tajjeb li ssir referenza ghal dak li tishaqq fuqu l-ETUC fejn tidhol immigrazzjoni illegali. Min-naha l-ohra l-*Pan-European Trade Union Council* taghti numru ta' rakkomandazzjonijiet li jixbhu hafna l-linji ta' l-ETUC. Ghalhekk il-GWU qed telenka dan li gej:

- L-ETUC tghid li fejn ma jezistux ghandhom jiddahhlu regoli biex id-drittijiet fundamentali tal-haddiema jigu mharsa u fejn jezistu ghandu jsir minn kollox sabiex naccertaw li qed jigu onorati. L-ETUC tghid li ghandu jkun hemm *framework* komuni fl-Unjoni Ewopeja fejn jidhlu permessi ta' xoghol ghall-immigranti irregolari u anki haddiema barranin.

- L-Unjoni Ewopeja ghandha tizviluppa *migration policy* proattiva, li mhux tipproteggi kontra l-immigrazzjoni izda timmaniggja l-immigrazzjoni u fuq din l-inizjattiva l-ETUC dejjem qed titkellem fejn ghandhom x'jaqsmu l-impjiegi. Din il-*policy* aktar minn kollox ghandha tahdem sabiex jigi mhaddem il-kuncett ta' l-integrazzjoni. B'dan il-mod il-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropeja jkunu qed joffru drittijiet u opportunitajiet indaqs u idejalment tigi pprattikata s-solidarjeta` u l-accettazzjoni socjali.

- L-ETUC tghid li din il-*policy* ghandha tkun imsejsa fuq linji gwidi li minn zmien ghal zmien taghti l-Organizazzjoni Dinjija tax-Xoghol (ILO).

- Il-*Pan-European* tghid li din il-*policy* ghandha toffri linji gwida ghandhom jinkludu fihom protezzjonijiet sabiex jigi evitat id-*dumping* socjali u fejn hu possibli din il-*policy* ghandha tistipula r-restrizzjonijiet aktar milli tghid x'inhuma l-multi jew kastigi nvoluti.

- Il-*Pan European* tishaqq li d-dritt ta' assocjazzjoni u d-drittijiet tal-haddiema immigranti ghandhom il-hin kollu jinghataw prominenza fl-livell ta' awtoritajiet varji li ghandna f'pajjizna. Fil-fatt l-ETUC tghid li t-

*trade unions* ghandhom jahdmu aktar biex izjed immigranti irreoglari jissiehbu fihom u b' hekk l-isfruttar jigi minimizzat kemm jista' jkun.

- Id-djalogu socjali bejn it-*trade unions* u l-*employers* dwar l-impjiegi u l-immigranti irregolari u regolari ghandu jkun wiehed haj, kontinwu u li jaghti l-frott. L-ghan ikun li ssir pressjoni u jittiehdu l-azzjonijiet kollha necessarji sabiex jigi miggieled l-isfruttar tal-haddiema immigranti fuq il-postijiet tax-xoghol.

- It-*trade unions* ghandhom jaghtu s-sehem taghhom ukoll billi jinsistu li jkollhom access ghall-informazzjoni dwar dawn il-haddiema sabiex ikunu jistghu jorganizzaw lil dawn il-haddiema li huma f'riskju kbir li jigu sfruttati.

- Ir-regolament li jitrattaw is-sahha u s-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandhom jigu addottati ghall-haddiema immigranti u biex dan zgur issehh jehtieg isir il-*monitoring* kollu necessarju.

- It-*trade unions* ghandhom jorganizzaw ukoll kampanji kontra r-razzizmu u x-xenofobia skond il-kaz f'pajjizhom.

- Is-sistema edukattiva ukoll ghandha tigi aggustata u aggornata sabiex tirrifletti dejjem aktar ir-realtajiet tal-lum.

- L-investiment fir-rizors umana ghandha l-hin kollu tibqa' ghaddeja b'mod professjonali, anki mal-haddiema immigranti.

## X'TISTA' TAGHMEL IL-GWU

Hemm hafna x'jinghad u x'jista jsir sabiex dawn il-haddiema, gejjin minn fejn gejjin, ikollhom xoghol li jtihom dinjita`, u f'dan ir-rigward il-GWU ser tkun fuq quddiem biex taghmel pressjoni sabiex ir-rakkomandazzjonijiet u l-pozizzjonijiet elenkati hawn fuq jigu tassew implimentati. Barra min hekk il-GWU tista' tahdem sabiex:-

- Jitwaqqaf *Working Group* fuq l-immigrazzjoni f'pajjizna biex hekk bis-serjeta` tinbeda hidma fuq dan is-suggett u jittiehed *stock take* reali tas-sitwazzjoni bil-ghan li tigi organizzata konferenza nazzjonali li titratta l-

immigrazzjoni mid-diversi aspetti taghha b'mod specjali x-xoghol u l-ghejxien dicenti. Hekk wara, din il-konferenza nazzjonali jigi mniedi *action plan* f'dan ir-rigward. Il-GWU tghid li f'din l-*action plan* fost ohrajn ghandhom jigu stipulati kif ghandu jsir *monitoring* fuq hrug ta' permessi tax-xoghol u x'azzjonijiet ghandhom jittiehdu bis-serjeta` fuq *employers* li jabbuzaw minn din is-sistema.

- Titqassam informazzjoni dwar is-sitwazzjoni prezenti u dwar x'inhuma l-*best practices* u l-linji gwida f'dawn ic-cirkostanzi. B'*best practices* wiehed jifhem li perezempju jigu mtejba l-ligijiet u l-prattici amminsitrattivi tal-pajjiz, l-awtoritajiet kompetenti jassiguraw li jigu implimentati *policies* ghal kull forma ta' *support*, u titnissel kuxjenza tal-vantaggi aktar milli ta' l-izvantaggi li haddiema immigranti jgorru maghhom fil-pajjiz fejn imorru. Din l-informazzjoni u dawn l-azzjonijiet pozittivi li jittiehdu jistghu jigu mqassma mal-pajjiz kollu permezz ta' *websites, brochures, leaflets,* riklami fuq l-istazzjonijiet televizivi u tar-radju, fost mezzi ohra tal-kommunikazzjoni bhall-gurnali. L-ghan ghandu jkun li titqajjem kuxjenza nazzjonali ghal din it-tragedja umana u jibda jinbena pont bejn dawn il-persuni u l-pubbliku ingenerali kollu.

- Ga la darba s-sitwazzjoni shiha tkun iddentifikata, allura imbaghad kull parti socjali ghandha twieghed l-impenn shiha taghha.

- Min–naha taghha bhala *union* il-GWU ser tara li bis-sehem tat-*trade unions* ohra, persuni u ghaqdiet ohra interessati fuq din l-*issue*, fost l-ohrajn jigi assigurat li dawn il-haddiema barranin jigu organizzati u mhux aktar sfruttati, u dan ghandu jsehh bi qbil kollettiv.

- Isiru laqghat ma' ghaqdiet li jahdmu f'dan il-qasam fuq skala internazzjonali sabiex insegwu prattici li jkunu diga ippruvati li huma tajbin. Dawn il-laqghat jistghu jiehdu l-forma ta' *seminars* internazzjonali.

- Il-GWU taghmel pressjoni fuq il-Gvern sabiex dan min-naha tieghu iwessa' l-kuntatti internazzjonali li ghandu b'mod li Malta jibda jkollha kuntatt dirett fil-pajjizi minn fejn jigu dawn il-persuni immigranti.

- Jigu rrappurtati l-incidenti u l-accidenti kollha li l-immigranti jesperjenzaw ta' kuljum f'pajjizna. Bhala *union* il-GWU temmen li hafna mill-kazijiet li fil-prezent isehhu hadd ma jkun jaf bihom.

- Fi zmien propizju il-GWU taghti tahrig lir-rapprezentanti u lill-membri taghha flimkien ma' dawn il-haddiema biex l-integrazzjoni issir b'mod aktar strutturat.

- Il-GWU taghmel pressjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn min-naha taghhom jesploraw it-tajjeb ta' dawn il-haddiema, specjalment dawk irregolari, u hekk pajjizna stess ikun jista' jutilizza ahjar il-hiliet u l-gharfien taghhom minghajr ma' dawn il-haddiema jigi sfruttati.

- *Employers* stabbiliti ghandhom ikunu huma li jaghtu ezempju u ma jhaddmux haddiema barranini b'kundizzjonijiet inferjuri anki fejn jidhlu l-obbligi u r-regoli marbuta mas-sahha u s-sigurta`.

- Dawk l-*employers* li jabbuzaw mill-haddiema, kemm haddiema immigranti, regolari jew irregolari, isimhom ghandu jixxandar pubblikament.

- Il-pieni kontra l-*employers* li jabbuzaw ghandhom jihraxu ghaliex it-trattament ugwali huwa dritt fundamentali f'pajjizna.

**KONKLUZJONI**

Certament li din l-*issue* ma tistax tigi diskussa f'izolament. Dan ghall-fatt li hija marbuta ma' diversi oqsma ohra tas-socjeta` bhas-sigurta` ta' l-istat, is-sahha, l-assistenza socjali, il-qasam ta' l-impjiegi, is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u l-edukazzjoni fost ohrajn.

Xi haga li ftit naghtuha importanza hu l-fatt li dawn il-haddiema irregolari jekk sakemm idumu fil-pajjiz b'xi mod ikun hemm kontrol fuq il-hidma taghhom b'mod li jkunu rregolarizzati, allura mix-xoghol taghhom il-pajjiz

igawdi ekonomikament. Dan ghaliex dawn jibdew ukoll jikkontribwixxu fil-hlas ta' taxxi u fil-hlas tan-*national insurance*, bhal ma' kull haddiem f'Malta hu dovut ihallas. Dan wara kollox jigarantixxi protezzjoni socjali lil dawn il-haddiema f'pajjizna.

Finalment, irridu nammettu li dawn l-immigranti regolari u irregolari qed ihallu l-impatt taghhom kemm fuq l-ekonomija u wkoll fuq l-istrutturi l-ohra kollha tal-pajjiz. Ghal daqs tant, il-GWU flimkien mal-partijiet socjali ma nistghux nibqghu nahsbuha u ma niehdux azzjoniji konkreti b'mod kollettiv. Certament, li l-ewwel li ghandu jsir huwa li l-problema tigi indirizzata u amministratta kif suppost u kif gie ssuggerit f'dan ir-rapport.

## **REFERENZI**

*Directorate General for Employment, Social Affairs & Equal Opportunities – Unit: Employment Services, Mobility, 'Mobility, an instrument for more and better jobs: The European Job Mobility Action Plan 2007-2010, COM/2007/0773*, Agnes Bradier.

Dokument Twemmin, *General Workers' Union*, 2001.

*European Trade Union Confederation, ETUC position regarding the European Commission's proposals on legal and 'illegal' migration, Item 12 on the agenda, Executive Committee Brussels, 5-6 December 2007.*

ITUC CSI IGB, *Migration in Europe – the Trade Union Approach*, 2008

*The Sunday Times, 23rd April 2006*